**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 12 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Nru. 121/2013/1 GM**

**Kooperattiva tal-Coaches (Koptaco) Ltd (Coop Reg. No. 45)**

**vs**

**Thomas Smith Insurance Angency Limited (C5637) bħala aġent ta' GasanMamo Insurance Limited (C3143) u b'digriet tat-13 ta' Mejju 2013 ġiet kjamata fil-kawża s-soċjeta' GasanMamo Insurance Limited (C3143)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-Kooperattiva Tal-Coaches [Koptaco) Ltd (Coop Reg. No. 45) li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

> 1. Fid-9 ta' Diċembru 2010, il-vettura Daihatsu bin-numru ta' reġistrazzjoni DBK 454, proprjeta' ta' Joseph Casha (ID. 186972M), misiuqa minn Adrian Henry Staines ta' nazzjonalita' Ingliża (li jġorr il-passaport numru 106450921) u assikurata, ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, ma' Thomas Smith Insurance Agency Limited (C5637) bħala aġent ta' GasanMamo Insurance Limited (C3143), kienet involuta f'inċident awtomobilistiku mal-minivan tal-koperattiva rikorrenti bin-numru ta' reġistrazzjoni HMY185 misjuqa minn Ivan Galea (ID.411573M) - Ara Insurance Road Accident Report - Dok A;

2. B'konsegwenza ta' dan l-inċident, il-koperattiva rikorrenti ġarrbet danni sostanzjali konsistenti inter alia fi spejjeż ta' kiri ta' vettura oħra kif ukoll fid-deprezzament tal-valur tal-vettura targata HMY185 li sussegwentement inbiegħet lil terzi tale quale;

3. Ghal kull bwon fini jingħad illi skont survey report ikkummisjonat mis-soċjeta' intimata Thomas Smith Insurance Agency Limited bħala aġent ta' GasanMamo Insurance Limited, l-ispejjeż neċessarji għat-tiswija tal-istess minivan ġew stmati li jammontaw għal €3,500 eskluż il-VAT (ara Dok B);

4. Meta fl-10 ta' Frar 2011 (ara Dok C) Joseph Casha ġie interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u l-eventwali pagament tad-danni, l-istess soċjeta' intimata wieġbet (ara Dok D) billi xeħtet it-tort fuq Transpart Malta;

5. Fil-fehma umli tal-koperattiva rikorrenti dawn id-danni seħħew unikament minħabba tort, imprudenza u/jew negliġenza da parti tal-assigurat tas-soċjeta' intimata Thomas Smith Insurance Agency Limited bħala aġent ta' GasanMamo Insurance Limited.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-inċident awtomobilistiku fuq imsemmi tad-9 ta' Diċembru 2010 seħħ unikament minħabba tort, imprudenza u/jew negliġenza da parti tal-assigurat tas-soċjeta' intimata Thomas Smith Insurance Agency Limited bħala aġent ta' GasanMamo Insurance Limited;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-koperattivi rikorrenti occorrendo bl-opra ta' perit nominandi, liema danni għal kull bwon fini jeċċedu l-kompetenza taċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ;

3. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata Thomas Smith Insurance Agency Limited bħala aġent ta' GasanMamo Insurance Limited sabiex tħallas id-danni hekk likwidati lill-koperattiva rikorrenti oltre l-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv;

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Thomas Smith Insurance Agency Limited. C5637 fil-kwalita' tagħha li fiha hija ġiet imħarrka, cjoe' bħala aġent ta' GasanMamo Insurance Limited, li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. In linja preliminari, l-eċċipjenti ma hijiex il-leġittma kuntradittriċi tal-attriċi stante li l-polza ta' assigurazzjoni dwar il-vettura DBK 454 inħarġet mnin GasanMamo Insurance Limited li hija kumpannija rrieġistrata f'Malta, bl-uffiċċju tagħha f'Malta, u għaldaqstant tiġi ċċitata direttament u personalment u mhux tramite aġent tagħha;

2. Mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma kolpiti bil-presekrizzjoni ta' sentejn fit-termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

3. Dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-responsabbilta’ għall-inċident de quo ma huwiex tas-sewwieq tal-vettura DBK 454 imma tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar it-Trasport minħabba senjeletika għal kollox żgwidanti li kien hemm, dakinhar tal-inċident, fl-inħawi fejn ġara l-inċident.

4. Dejjem mingħajr preġudizzju, għall-premess, l-ammont ta’ danni li qed jintalab mill-attriċi huwa wieħed eżorbitanti u esaġerat għall-aħħar u b'ebda mod ma huwa ġġustifikat mis-surveys li saru - fuq bażi ta’ “bla preġudizzju" fuq il-vetturi involuti fl-inċident.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat li b’digriet tat-13 ta’ Mejju 2013 ġiet imsejħa fil-kawża s-soċjeta` GasanMamo Insurance Limited (C-3143).

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-ewwel eċċezzjoni ġiet irtirata wara li ġiet imsejħa fil-kawża GasanMamo Insurance Limited.

Rat li din il-Qorti laqgħet it-tieni eċċezzjoni b’sentenza tal-14 ta’ Marzu 2019, iżda din is-sentenza ġiet imħassra, u t-tieni eċċezzjoni miċħuda, b’sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta’ Mejju 2023 li bagħtet lura l-atti lil din il-Qorti biex jitkompla s-smigħ tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Din hi kawża dwar responsabilita` u danni minħabba ħabta li seħħet fiċ-Ċirkewwa fejn il-vapuri t'Għawdex jgħabbu u jħottu, bejn vettura Daihatsu misjuqa minn ċertu Staines ta' nazzjonalita` Ngliża u kowċ misjuqa minn Malti. Qabel il-ħabta, l-vetturi kienu qegħdin jinstaqu f'direzzjonijiet opposti.

Dakinhar tal-ħabta kienu qegħdin isiru xogħlijiet estensivi fuq il-moll taċ-Ċirkewwa, li damu għaddejjin diversi snin. Ir-ritratt CG8[1] jagħti dehra ġenerali tal-lokalita` fejn seħħet il-ħabta. Ġie miġbud bil-fotografu jħares fid-direzzjoni t'Għawdex. Juri triq wiegħsa ħafna, maqsuma f'żewġ partijiet permezz ta' bankina fuq in-naħa tax-xellug. Bejn wieħed u ieħor il-bankina taqsam il-wisa' tat-triq f'terz fuq in-naħa tax-xellug tar-ritratt u żewġ terzi fuq in-naħa tal-lemin. Lejn it-tarf tat-triq (il-parti viċin il-fotografu) bejn wieħed u ieħor fin-nofs tal-wisa taż-żewġ terzi, hemm bankina għamla triangolari irregolari li sservi bħala *traffic island.*

Ir-ritratti CG2, CG3 u CG4 huma miġbudin bil-kontra ta' CG8, bil-fotografu b'daru lejn Għawdex. CG2 juri dak li kien qiegħed jara Staines huwa u ħiereġ min-naħa tat-"terz" tat-triq mifruda bil-bankina.

Kif wieħed jista' jara, il-bankina tintemm f'distanza konsiderevoli qabel il-ponta tas-*centre strip*. F'din id-distanza, wara li tispiċċa l-bankina u qabel ma tibda s-*centre strip,* it-triq hi miftuħa, mingħajr ostakli, matul il-wisa' sħiħ tagħha. Fil-ponta tas-*centre strip* hemm sinjal fuq arblu bi vleġġa tipponta fid-direzzjoni tax-xellug. Li jfisser li kull min ikun ħiereg mit-triq (b'daru lejn Għawdex) għandu

[1] Fol. 77.

joħroġ min-naħa tax-xellug tal-istess *centre strip*. Tassew li m'hemm l-ebda tabelli ta' *no-entry,* imma l-vleġġa xorta waħda tindika li ma tistax tgħaddi min-naħa tal-lemin tagħha. Staines għalhekk kellu jdur għal fuq ix-xellug, u mhux jibqa' għaddej fuq in-naħa tal-lemin.

Is-sewwieq tal-kowċ xehed li kien hemm iż-żebgħa fl-art li tindika n-*no entry* fuq in-naħa tal-lemin. Dwar din l-istqarrija, ma ġiex ikkontro-eżaminat. *A tempo vergine* mhux irreġistrat li għamel stqarrija bħal din. Ir-ritratti ma juru l-ebda żebgħa bħal din. Dan ma jfissirx li żebgħa ma kienx hemm, għaliex ir-ritratti ttieħdu madwar xahrejn wara l-ħabta, u setgħu tneħħew fil-frattemp. Min-naħa l-oħra, is-surġent li rrediġa l-iskizz irrelata fl-istess skizz li ma kienx hemm senjeletika, għalkemm irrimarka li t-triq kienet one-way: *Although the road is a one way road towards the Cirkewwa terminal no signs indicating such were observed.*[2] Proprjament, triq ma tistax tkun *one-way* jekk ma jkunx hemm senjeletika. Aktarx kien qiegħed jirreferi għall-vleġġa msemmija.

Skont il-konvenuti, "fuq il-lokalita` teżisti mankanza grassa ta' senjalazzjoni li kienet tagħmilha impossibbli għal persuna mhux imdorrija għal-lokalita` li tkun taf li mhux suppost li vetturi jipproċedu fid-direzzjoni li kien qed isuq Staines mill-karreġġjata li fiha kien għaddej".[3] Il-Qorti taqbel li s-senjeletika ma kinitx ċara biżżejjed.

L-Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta ma ġietx imsejħa fil-kawża mill-konvenuta jew il-kjamat fil-kawża. Kien jinkombi fuqhom li jagħmlu dan mhux biss biex jipproduċu l-aħjar prova dwar l-allegazzjoni tagħhom dwar nuqqas ta' senjeletika

[2] Fol. 7.
[3] Ittra mill-avukat tal-konvenuti lill-attriċi a fol. 12.

xierqa – kif sostnut mill-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha - imma wkoll għaliex il-konvenut (jew imsejjaħ fil-kawża) ma jista' jixħet l-ebda ħtija fuq terz meta jonqos li jsejħu fil-kawża,[4] anke għaliex dan ikun aċċertament li bl-ebda mod ma jkun jorbot lil dan it-terz li m'huwiex parti fil-kawza.[5]

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuta u l-imsejħa fil-kawża jsostnu – korrettement - li l-fatt li vettura tgħaddi kontra sinjal ta' *no entry* ma jfissirx li bilfors taħti għall-inċident. Min-naħa l-oħra, Ivan Galea, sewwieq tal-kowċ, irraporta *a tempo vergine* lill-pulizija li "kont sejjer lejn it-terminal u f'nofs id-dawra sibtu ma' wiċċi".[6] L-iskizz ma jindikax fejn seħħ eżattament l-inċident. Ma sarx kontro-eżami ta' dan ix-xhud. Lanqas ittella' bħala xhud Staines. Iżda lil hinn minn dan, fir-Risposta Ġuramentata l-unika difiża dwar responsabilita` hi n-nuqqas ta' senjeletika li għaliha taħti, skonthom, l-Awtorita` ta' Malta dwar it-Trasport. Ebda argument ieħor ma jista' jinġieb lil hinn minn din l-eċċezzjoni, għaliex il-Qorti hija marbuta bil-parametri tal-kwistjoni kif posti mir-Rikors Ġuramentat u mir-Risposta Guramentata. Għalhekk il-Qorti m'għandha l-ebda għażla għajr li ssib lil Staines unikament responsabbli għall-inċident.

Ikkunsidrat:

Il-ħsarat fil-kowċ kienu jammontaw għal €3,593.10 inkluż il-VAT.[7] Tassew li ttieħdet deċiżjoni mill-attriċi li tbiegħha għal €3,500, imma dan ma jfissirx li l-valur tagħha kien ġie ridott għal dan l-ammont kawża tal-inċident.

---

[4] Vol. XL.ii.746; Anthony Fenech v Paul Gauci 21.02.1994 Prim'Awla; Fogg Insurance Agencies Limited v Ballut Blocks Limited 21.02.2007 Qorti tal-Appell (Inferjuri) Onor. Imħ. Philip Sciberras.
[5] John Cordina v. Dr. Joseph sive Josie Muscat. 28.04.2003 Prim'Awla - Onor. Imħ. Philip Sciberras.

[6] Fol. 6.
[7] Affidavit ta' Antonio Muscat, General Manager tal-attriċi, affidavit, para. 9 a fol 28.

Kien previst li t-tiswijiet idumu 12-il ġurnata skont surveyor tal-konvenuta, u 14-il ġurnata skont surveyor tal-attriċi, għalkemm kien hemm possibilita` li jdumu iktar minħabba n-nuqqas ta' parts.

L-attriċi kriet kowċ ieħor għal 40 jum li ġie jiswiha €12,000 eskluż il-VAT. Il-kirja kienet, skont l-attriċi, €300 kuljum inkluż servizz ta' xufier 24 siegħa kuljum u spejjeż ta' diesel. Sewwa jirrimarkaw il-konvenuti li l-attriċi ma tilfitx is-servizz tax-xufier, u lanqas għandha tiġi rimburżata tal-fjuwil, li kienet sejra taħlih xorta waħda. Ix-xufier jiswa €5 fis-siegħa li jiġi €120 kuljum. Il-bilanċ tal-ispejjeż żejda relatati mal-kirja jiġi €180 kuljum li minnhom irid jitnaqqas il-prezz tal-fjuwel. Is-somma ta' €4,200 suġġerita mill-konvenuti hija għalhekk raġonevoli, għaliex tkopri kirja ta' 23 jum eskluż il-fjuwil. Perjodu li huwa itwal mill-14-il jum previst għat-tiswija tal-kowċ, għalkemm inqas mill-40 jum li għalih saret il-kirja. U lanqas jieħu l-fjuwil in kunsiderazzjoni.

Għalhekk l-ammont ta' danni huwa €3953 + €4,200 = €8,153 inkluż il-VAT.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-każ billi:

(1) Tiċħad it-tielet eċċezzjoni.

(2) Tilqa' r-raba' eċċezzjoni.

(3) Tilqa' in parte l-ewwel talba billi tiddikjara li l-inċident awtomobilistiku fuq imsemmi tad-9 ta' Diċembru 2010 seħħ unikament tort tal-assikurat tas-soċjeta` Gasan Mamo Insurance Limited (C-3143).

(4) Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida d-danni fis-somma ta' €8,153 inkluż il-VAT.

(5) Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta u dik imsejħa fil-kawża solidalment bejniethom biex iħallsu l-ammont hekk likwidat, bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.

Spejjeż a kariku tal-konvenuti f'ishma ndaqs bejniethom.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA